# IL-PJAN TAL-LEZZJONI 8.7

## Kap 8: Kulħadd għandu postu

## Lezzjoni 8.7: San Stiefnu jgħallimna nħobbu

**L-Għanijiet:**



**L-istudenti:**

1. Jitgħallmu dwar l-ewwel martri, San Stiefnu.
2. Jiddiskutu kif, bħal San Stiefnu, iridu jkunu lesti li jiddefendu lil Ġesù u jkunu lesti li jxandruh bil-kliem u bix-xhieda.

Power

**Ir-riżorsi għal-lezzjoni:**

- Klipp: San Stiefnu

  www.youtube.com/watch?v=qhc-Rqmd6Z4

- Karta ta' Taħriġ 8.7



## Naqsmu flimkien – L-introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

- Irrevedi kif kien jintgħarfu l-ewwel Insara.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Introduċi lil San Stiefnu – dixxiplu tal-appostli fi żmien l-ewwel Insara.
2. Spjega ftit min kien - dwar il-ġid li kien qed jagħmel u għaliex riedu joqtluh u kif inqatel. Għaliex jissejjaħ martri? Ngħidulhom li San Stiefnu kien l-ewwel martri.
3. Uri l-klipp dwar San Stiefnu mill-youtube.
4. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 8.7. Aqra s-silta mogħtija u wara fuq bażi ta' klassi għin lit-tfal jaslu għar-risposta t-tajba f'Attività 1.
5. Introduċi Attività 2 billi wara tgħin lit-tfal iqabblu lilhom infushom ma' San Stiefnu.
6. Asal għal Attività 3 u enfasizza l-punt tal-maħfra kif għamel San Stiefnu.
7. Agħlaq il-lezzjoni b'talba lil San Stiefnu.

## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Il-martri huma nies li mietu għax ma beżgħux jimxu wara Ġesù. Kien għalhekk li ġew maqtula.
2. San Stiefnu kien l-ewwel martri.
3. San Stiefnu kien jissejjaħ djaknu li ma riedx jiċħad lil Ġesù.
4. Hu ġie maqtul billi waddbulu ħafna ġebel.
5. Meta kien qed imut ħafer lill-għedewwa tiegħu.




## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

It-tfal juru li huma jbatu għ l dak li hu tajjeb, ħafna drabi trid tbati.



## Nitolbu

Mulej Ġesu', nitolbok tagħtini l-kuraġġ biex dejjem ngħid 'iva' għal dak li hu tajjeb, u ngħid 'le' għal dak li hu ħażin, allavolja kultant irrid inbati biex nagħmel dan.

